FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Settembru, 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 110/01JR**

**Andrea Stellato**

**vs**

**Joseph Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tnejn u sebghin lira Maltija tnejn u sittin centezmu (Lm72.62), rapprezentanti sehem il-konvenut fl-appogg tax-xellug li jmiss mal-proprjeta` ta' l-istess konvenut li jinsab 100 Triq Guze D'Amato, Paola.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' sitt liri u hamsin centezmu (Lm6.50), ghall-ittra legali datata 13 t'Ottubru, 2000, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-13 ta' Marzu, 2001, fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi:**

1. **It-talba kif dedotta hija preskritta stante illi ddekorrew aktar minn hames (5) snin minn meta tlestew ix-xogholijiet;**
2. **Illi l-ebda ammont, u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hu dovut stante illi l-konvenut esegwixxa diversi xogholijiet konsegwenza ta' xoghol maghmul mill-attur u dan minghajr ma talab indennizz ghall-istess, ghall liema raguni kull ammont minnhu pretiz hu pacut.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Caruana, Andrea Stellato, il-Perit Anton Zammit, Servolo Sciberras. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **L-ewwel eccezzjoni sollevata hija dik tal-preskrizzjoni peress li ghaddew hames snin minn meta tlestew ix-xogholijiet.**

**2. Il-kawza hija ghall-hlas ta' appogg. Il-konvenut ghandu l-fond 100 Triq Guze D'Amato, Paola, filwaqt li l-attur ghandu in-numru 98 Triq Guze D'Amato, Paola. Jirrizulta li l-attur kien gholla sular il-fuq mill-bejt tal-konvenut. Ex admissis mal-hajt li gholla l-attur, il-konvenut wahhal kurrent u tinda.**

**3. Skond il-konvenut hemm data mac-cinta, cioe` tnejn u ghoxrin (22) t'Ottubru, 1995, li tindika meta tlesta l-bini, u li kien kitibha hu. Pero` hemm dubbji dwar kemm hi rilevanti din id-data ghall-dak li jirrigwarda l-parti li gholla l-attur. Hekk il-konvenut ma setghax jghid jekk meta gholla l-hajt, kienx tlesta x-xoghol ta' l-ewwel sular. Jidher li dik id-data tnaqqxet meta kien lesta x-xogholijiet il-konvenut, izda mhux meta l-attur gholla dik il-parti li fuqu qed jintalab l-appogg.**

**4. Skond ma xehed il-Perit Anton Zammit l-appogg kien recenti, cioe` f'dawn l-ahhar sentejn. Dana jsahhah it-tezi li fil-fatt m' ghaddewx il-hames snin kif allegat mill-konvenut.**

**5. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.**

**6. Dwar danni kawzati minhabba ilma, ir-rapport esebit redatt mill-Perit Ronald Muscat Azzopardi jindika li dan ma kienx il-kaz. Skond dan ir-rapport kien hemm gallinari u kannizzata fuq il-proprjeta` tal-konvenut li minhabba fihom ma setax isir xoghol ta' manutenzjoni u dekorazzjoni fuq il-hajt ta' l-appogg ta' l-attur. Ghalhekk ma treggix l-eccezzjoni ta' tpacija sollevata mill-konvenut, ghaliex se mai kien l-attur li sofra danni.**

7. **L-ammont ta' l-appogg dovut jirrizulta mir-rapport tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi Dok.B, li hu l-ammont mitlub fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tnejn u sebghin lira Maltija tnejn u sittin centezmu (Lm72.62), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-13 t'Ottubru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**